MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Numru 330/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**

v

**BENNY sive BERNARD MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **BENNY siver BERNARD MUSCAT** ta' wiehed w erbghin sena, bin Daniel u Carmen nee Moore, imwield Pieta nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 1964 u residenti 10B, Triq Nelson, Bormla, detentur tal-karta tal-identita numru 052346M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha ta' April 2006 ghal habta tas-sebgha w kwart ta' filghaxija f'Santa Venera, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe dak ta' serq kkwalfikat minn go residenza privata ta' anzjan, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi hga accidentali w indipenendi mill-volunta tieghu u li kieku sehh, kien ikun kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin izda aktar minn hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Melchisedech Scicluna.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe bieb ta' barra ta' residenza, liema hsara tiskorri l-ghaxar liri maltin izda ma teccedix l-hamsin lira maltin u dan ghad-dannu ta' Melchisedech Scicluna.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' April 2005 esibit a fol 36 tal-atti sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 [fol 18].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tmienja ta' Mejju 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena:

1. Ic-cirkostanzi tal-kaz in partikolari li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni tul dawn l-investigazzjonijiet odjerni;
2. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;
3. Il-fedina penali tal-imputat li hija pjuttost wahda reflettarja.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(e)(f), 263, 270, 267, 269, 278, 279, 280, 281, 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat BENNY sive BERNARD MUSCAT hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah piena ta' tmintax [18] il-xahar prigunerija sospizi ghal erbgha [4] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna wkoll, ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-imputat jitpogga taht s-supervizzjoni tul il-perjodu kollu ta' erbgha [4] snin u cioe l-perjodu operattiv ta' din s-sentenza b'dan li l-istess imputat ghandu jzomm kuntatt regolari mal-istess Ufficjal Sorveljanti u jaghmel dak kollu li jigi ordnat li jaghmel minn dan l-istess Ufficjal Sorveljanti.**

**Tordna wkoll li lil imputat jhallas s-somma ta' hamsin [50] lira lil Melchisedech Scicluna rappresentanti kumpens ffissat *arbitrio boni viri* ghal hsarat li sofra fil-bieb tad-dar residenzjali tieghu u dan fi zmien xahar mill-lum.**

**Tordna ai termini tal-artikolu 28G(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat l-kandidat idoneju ghal din s-supervizzjoni.**

**Ai termini tal-artikolu 28G(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat l-effetti ta' din l-ordni lil hati li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------